TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 174/13/GB

**Mary Scicluna**

**vs**

**Portughes Laundry & Dry Cleaning**

Illum 16 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u sebgha Ewro u hamsin centezmi (€407.50), rapprezentanti l-prezz li kienet hallset ghal kutra, liema kutra giet iddanneggjata mis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet 'over blanket' ghas-servizz tad-dry cleaning ghand is-socjeta' ntimata darbtejn, pero' giet lura mahmuga. Meta r-rikorrenti marret ghaliha t-tielet darba, xorta baqghet mahmuga u l-fur taghha bidel il-kulur, fejn minn kulur beige giet nofsha hadra u nofsha qisha griza. Ir-rikorrenti qed tirrifjuta din il-blanket u qed titlob li tinghata l-ammont ta' kemm tiswa l-blanket.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet xtrat il-blanket f'Marzu 2008. L-ewwel darba li ntbaghtet ghall-hasil kien f'Gunju 2009. hawnhekk, il-kutra kienet ghadha, tista' tghid, gdida, ghalhekk wara l-process tal-hasil ir-rizultat kien wiehed sodisfacjenti.

Ir-rikorrenti, waqt telefonata rrekordjata, tinstema ssostni li uzat din il-kutra ghal erbgha snin shah, kemm fix-xitwa kif ukoll fis-sajf, minghajr qatt ma ntbaghtet ghall-hasil.

Meta s-socjeta' ntimata haslet din il-kutra fl-2013, kien hemm tbajja partikolarment li akkumulaw matul l-erbgha snin li kienet ilha ma tinhasel, li kienu difficli biex imorru.

Meta s-socjeta' ntimata baghtet il-kutra lura ghand ir-rikorrenti, hija kienet ilmentat li l-kutra ghadha mtebba' u li xrinkjat. Is-socjeta' ntimata regghat gabret il-kutra biex terga' tahsilha bla hlas, izda minhabba l-fatt li t-tbajja kienu ilhom jippenetraw gol-materjal ghal tul ta' zmien, it-tbajja kienu kwazi mpossibli biex jitilqu.

Meta s-socjeta' ntimata regghat irritornat il-kutra lir-rikorrenti u spjegatilha ghaliex it-tbajja baqghu vizibbli, ir-rikorrenti baqghet tinsisti li l-kutra kienet ghadha xrinkjata u mhux fil-kundizzjoni originali bhal meta nxtrat.

Wara din il-konverzazzjoni, is-socjeta' ntimata marret ghand il-'World Marketing Service', minn fejn inxtrat il-kutra, sabiex tikkonferma d-daqs u l-kulur tal-kutra. Il-persuna nkarigata kkonfermat li d-daqs baqa' perfettament l-istess, u sostna li meta tikkonsidra li l-kutra ma nhaslitx u baqghet tintuza kontinwament ghal erbgha snin, ghandha f'kundizzjoni tajba.

Is-socjeta' ntimata tahsel eluf ta' kutri bhal dawn fis-sena. Kieku r-rikorrenti nadfet il-kutra darba fis-sena, it-tbajja kienu facilment jitnaddfu u l-materjal innifsu kien jibqa' vicin ta' dak li kien meta nxtara.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn fuq domanda tat-Tribunal, ikkonfermat illi ma kenitx hadet il-kutra ghas-servizz tad-dry cleaning kull sena.

Ir-rikorrenti ezebiet ir-ricevuta ghall-kutra in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.MS1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-kutra in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, jinnota illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-qisien originali tal-kutra in kwistjoni, u l-ebda prova rigwardanti l-kundizzjoni ta' l-istess kutra qabel ma nhadet ghand is-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-dry cleaning. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**